KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGHAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGHA NUMRU 2

It-tieni laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 23 ta' April 2013 fis-6.20pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

*Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Kostruzzjoni ta' Triq il-Kulleġġ l-Antik*
5. *Proposti għal parkeġġi f'Tas-Sliema*
6. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
7. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
8. *Aġġornament*

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 16_21/03/2013.

1.2 Ġie nnotat li l'kelma 'avukat' f'punt 4.13 kienet nieqsa. L-emmenda ġiet approvata.

1.3 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li qabel ma niltaqgħu mas-Segretarju Parlamentari Dr. Jose Herrera, l-Kunsill għandu jħejji pjan b'xi proposti tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

1.4 Is-Sindku propona li jiġu approvati l-minuti 16_21/03/2013 hekk kif korretti. Il-Kunsilliera Vivianne Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni tal-minuti fost il-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-minuti 16_21/03/2013*

1.5 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni il-minuti 1_11/04/2013. Is-Sindku talab għall-korrezzjoni fil-kariga tal-Kunsilliera Vivianne Galea Pace u informa li '*Embellishment Inner Sliema*' u 'Attivitajiet tal-Kunsill' jaqgħu taħt il-Kunsilliera Galea Pace. Kien hemm qbil dwar dan.

1.6 Is-Sindku propona li jiġu approvati l-minuti 1_11/04/2013 hekk kif korretti. Il-Kunsilliera Vivianne Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni tal-minuti fost il-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-minuti 1_11/04/2013*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

*Daħlet il-Kunsilliera N. Castaldi Paris fis-18.36 għas-seduta*

Ma kienx hemm materji konnessi

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Il-Viċi Sindku K. Busietta irrefera għal kontijiet tal-Kuntrattur Philip Agius and Sons. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif il-Kunsill kien qabel f'seduta li dan il-kuntrattur jingħata Euro 20,000 bħala *interim payment*, sakemm jiġu ċertifikati mill-perit tal-Kunsill. Dawn ġew ċertifikati u l-kuntrattur ingħata d-differenza. Madankollu *retention fee* inżammet xorta waħda. *Mistoqsijiet dwar pagamenti*

3.2 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa jekk il-Kunsill irċieviex risposta mill-ARMS dwar il-kwistjoni ta' kont eċċessiv għal użu ta' *drinking fountain*. Il-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta.

3.3 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-kont pagabbli lil *Director General, Works Division* dwar is-servizz ta' knis li qiegħed jingħata żejjed. Il-Kunsill ġie ippreżentat bl-iskeda tagħhom li bagħtu mal-kont.

3.4 Il-Viċi Sindku saqsa dwar il-kontijiet tal-*Mica Med*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandu jiċċekja dwar is-sitwazzjoni ta' dan il-kuntratt mad-Dipartiment għal Gvern Lokali.

3.5 Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li l-Kunsill kien diġa qabel li joħroġ minn dan il-kumitat konġunt. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-problema tibqa li l-Kunsill bħalissa ma jistgħax joħroġ tender għal dan is-servizz peress li d-Dipartimetn għal Gvern Lokali waqqaf dan il-proċess fil-Kunsilli kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill għandu jivverifika din l-*issue* mad-Dipartiment.

3.6 Dwar il-problema tan-numri tal-bozzoz is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandu stima li kull numru jiswa Euro 23.29 u hemm madwar 5,000 bozza. Fakkar ukoll li skond ma hu mgħarraf, jista jkun li r-reġjuni ser jiġu responsabbli ta' dan is-servizz, u għaldaqstant, f'dawn iċ-ċirkostanzi, ma jkunx għaqli li l-Kunsill jgħamel dan l-investiment. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jressaq din il-kwestjoni meta jiltaqa mas-Segretarju Parlamentari Dr. Jose Herrera.

3.7 Il-Kunsillier N. Gauci issuġġerixxa li l-Kunsill għandu joħloq *data base* tiegħu ta' bozoz. Il-Kunsill għandu jiltaqa mal- *contracts manager* t biex jiġu diskussi dawn il-problemi.

3.8 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar kont f'isem Koperattiva Tabelli u Sinjali u ġiet innotat li saret *reserved* għal Maġistrat fi Triq ix-Xatt tas-Sliema.

3.9 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa għal rendikont tas-servizz li jingħata tal-*bulky refuse*. Ġie nnotat li l-Kunsilli kien jirċievi rendikot tal-oġġetti miġbura kull xahar iżda għal xi raġuni jew oħra dan waqqaf. Il-Kunsill għandu jerġa jitlob li jingħata dan ir-rendikont.

3.10 Il-Kunsilliera Vivienne Galea Pace saqsiet dwar il-kont ta' Victoria Hotel. Il-Kunsill fakkar li kienet saret konferenza 'Crime for The Elderly'

*Il-Kunsillier M. Briguglio daħal għas-seduta fis-18.57*

3.11 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-kont pagabbli lis-Sur David Grech. Ġie nnotat li dan huwa kont għal diversi materjal li jintuża għal xogħlijiet li jagħmlu l-ħaddiema tal-IPSL, li ħafna minnhom intużaw għal manutenzjoni tal-*promenade* riċentament. Ġie ppreżentat il-kont dettaljat għall-informazzjoni ta' kulħadd.

*Approvazzjoni tal-pagamenti*

3.12 Is-Sindku ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Il-Viċi Sindku K. Busietta issekonda. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni fost il-Kunsilliera preżenti.

*Talbiet għal kumpens jiġu referuti - Small Claims*

3.13 Is-Sindku informa li hemm min għadu qiegħed jitlob għal kumpens minħabba li kien kisser nuċċali. Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li l-Kunsill kien qabel li dawn il-każijiet jingħataw ġudizzju wara li jiġi provdut rapport minn perit jew avukat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li mhux kull każ jirrikjedi rapport ta' perit. Il-Kunsill qabel li min irid għandu jiftaħ kawża ta' *small claims tribunal.*

## 4. KOSTRUZZJONI TA' TRIQ IL-KULLEĠĠ L-ANTIK

4.1 Is-Sindku propona li isir xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Kulleġġ l-Antik. Ix-xogħlijiet għandhom jinkludu bdil tas-servizzi tal-ilma, bankini ġodda u resurfacing tal-asfalt.

4.2 Il-Kunsillier N. Gauci saqsa dwar it-traffiku waqt dawn ix-xogħlijiet. Is-segretarju qal li qed isir Traffic Management apposta għal waqt dawn ix-xogħlijiet, peress li t-triq ser tkun magħluqa.

4.3 Kien hemm approvazzjoni fost il-Kunsilliera preżenti biex issir it-triq. *Approvazzjoni għal xogħol fi Triq il-Kulleġġ l-Antik*

4.4 Is-Sindku informa wkoll dwar xogħlijiet fi Triq Mc Iver. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li diġa talab stima mill-kuntrattur tagħna Philip Agius & Sons. Biex isir *resurfacing*, iżda din ingħatat bi tlett pulzieri imma tista issir b' żewġ pulzieri. Ġie nnotat ukoll li l-iżviluppatur li qiegħed jaħdem minn Dragut sa Triq Locker, offra li jgħati nofs l-ammont ta' flus bħala kumpens għall-inkonvenjent li għamel. Dan kien diġa weħel Euro 3000 mil-garanzija bankarja u qiegħed jitlob li dawn jitnaqqsu. Il-Kunsill ma jaqbilx ma dan għaliex dan l-ammont kien inġibed minn garanzija bankarja dwar *Tower Crane* li kien tpoġġa fi Triq Mc Iver, u għaldaqstant, l-każ huwa differenti. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jemmen li għandu jinħoloq kompromess għaliex huwa fl-interess tiegħu li ssir t-triq. Il-Kunsillier N Gauci issuġerixxa li l-Kunsill għandu joffri spazzju fil-magazine tal-Kunsill biex jirringrazzja lill-dan l-iżviluppatur. *Xogħlijiet fi Triq Mc Iver ma Qui Si Sana*

4.5 Il-Kunsill irċieva talba biex jitpoġġa *tower crane* fi Triq Locker . Ġie nnotat li skont il-MEPA dan ma jistax jitħawwel taħt it-triq u dan minħabba li triq hija ODZ. Il-Kuntrattur ikopera bir-regolamenti. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-permess għandu joħroġ għal sena u l-Kunsill jerġa jiddiskutih qabel ma jerġa jiġġeded. Kien hemm qbil dwar dan. *Tower Crane fi Tiq Locker*

## 5. PROPOSTI GĦAL PARKEĠĠI F'TAS-SLIEMA

5.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill ta' qabel kien ħareġ sejħa għal proposti ta' parkeġġ iżda l-offerti baqgħu magħluqin u nfetħu minn dan il-Kunsill. Is-Sindku qal li l-flus li kienu allokati mill-MEPA ġew mogħdija għal proġett ieħor tal-MRRA għaliex il-Kunsll ma kienx għamel il-proposti tiegħu. Is-Sindku qal li dan il-Kunsill għandu jħarres lejn kull possibbilta' u kulħadd għandu jipprova b'mod individwali jara xi alternativi għall-postijiet ta' parkeġġ. *Proposti għal pakeġġ*

5.2 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet dwar il-parkeġġ ta' St Patrick's u jekk jistax jinbena parkeġġ hemm. Is-Sindku qal li meta kien kellimhom ma tantx urew xewqa għaliex ma jixtiqux li jkollhom skumditatijiet sakemm isir ix-xogħol.

5.3 Is-Sindku saqsa fejn wasslu pjanti li kienu saru għall-proposti ta' parkeġġ u għal liema raġuni ġie abbandunat il-proġett. Il-Kunsill irid jara kemm hu aċċessibbli u kemm se jiġi jiswa.

5.4 Il-Kunsillier N. Gauci qal li l-Kunsill irid jara jekk mhux *long term* jew *short term* u jaqbel li l-periti għandhom joħorġu b'ideat. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill jaqbel li jsir *Traffic Impact Assessment* biex ma jinħoloqx traffiku sakemm wieħed jidħol biex jipparkja.

5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill għandu jevita xiri ta' propjeta u jikkunsidra parkeġġi f'inħawi regolati mill-Lands.

5.6 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-Kunsill għandu jiddeċiedi fuq proposti konkreti. Is-Sindku qabel u qal li għalhekk fil bidu qal li kulħadd għandu jaħseb ftit u jiġi bil-proposti tiegħu.

5.7 Il-Kunsillier N. Gauci issuġġerixxa li ssir *Park and Ride.* *Park and Ride*

5.8 Il-Kunsilliera L. Cassar qalgħet li hi temmen li għandu jkun hemm aktar minn *option* waħda għal Tas-Sliema. Qalet ukoll li għandu jkun hemm proġett b'investiment li jiġu implimentati flimkien proġetti oħra bħal car parks, park and ride etc.,

5.9 Is-Sindku qal li *park and ride* forsi mhux daqshekk popolari mal-pubbliku.

5.10 Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li l-anqas *car sharing* m'huwa popolari allura jekk wieħed ma jkollux alternattiva oħra l-*park and ride* tista ssir popolari.

## 6. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

6.1 Is-Sindku spjega kif sar *MEAT test* għall-aġġudikazzjoni tat-tender għall-ġbir tal-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv qassam rendikont dettaljat dwar l-analiżi 'Dok A'. Skont il-marki tar-rapport *SRF & Veladrians Joint Venture* qiegħed jiġi rakkomondat bħala l-aktar offerta vantaġġjuża skond il-kriterji msemmija fl-istess dokument tat-tender. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel ma din ir-rakkomondazzjoni tal-bord. *Tender – Ġbir ta' Skart*

6.2 Is-Sindku qal li l-analiżi saret b'attenzjoni partikolari għaliex il-Kunsill għadda minn diversi esperjenzi. Is-Sindku ħass li l-istudju tat-tqassim ta' punti sar b'mod tajjeb u trasperenti. Dan ir-rapport sar mis-Segretarju Eżekuttiv u mill-Accountant tal-Kunsill, hekk kif kien iddeċiedi biex isir dan l-istess Kunsill.

6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jekk ma jkunx hemm min jgħamel appell, dan jibda mill-1 ta' Ġunju, 2013.

6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-applikazzjoni għall-offerti għall-kuntratt tal-knis ser tagħlaq fit-2 ta' Mejju, 2013. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hemm bżonn isir xi modifikazzjoni u għadna fiċ-ċans li ssir 'addenda'. Dan ġie verifikat mad-Direttur tal-Public Procurement fi ħdan id-Dipartiment tal-Kuntratti. Din l-addenda se tkun titratta l-mod kif ser issir l-għażla kif ġej: *Kuntratt tal-knis*

a. Li jkun hemm mhux inqas minn żewġ referenzi ta' xogħol f'kuntratt konkluż tal-istess natura, f'dawn l-aħħar ħames snin.
b. U li l-applikant ma jkollux aktar minn tlett *default notices* f'dawn l-aħħar tnax-il xahar.

6.5 Il-Kunsilliera L. Cassar saqsiet jekk ikunx hemm *follow up* meta jibda l-kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li suppost il-Kunsill għandu *contracts manager* għal xogħlijiet b'kuntratti. Fuq dan il-punt kien hemm *Contracts Manager u Environmental Manager*

qbil ukoll li l-*contracts manager* ma jkunx biss fuq xogħlijiet iża jkun ukoll *Environmental Manager.*

6.6 Il-Kunsill irrimarka wkoll dwar ix-xogħlijiet tal-ħaddiema tal-Kunsill għaliex dan irid isir b'mod aħjar.

6.7 Ġie nnotat ukoll li l-*environmental manager* għandu jdur ftit wara nofs in nhar ukoll fix-xhur tas-Sajf għaliex ikun hemm tendenza li xi kuntratturi jarmaw bla permess.

6.8 Il-Kunsillier P. Portelli saqsa jekk il-Kunsill jistax jiftaħ darba fil-ġimgħa wara nofs in-nhar fix-xhur tas-Sajf. Is-Segretajru Eżekuttiv qal li wieħed irid jiċċekja għaliex ma jistax jobbliga lill-istaff għal dan.

6.9 Il-Kunsillier M. Briguglio tkellem dwar Jum Marittimu Ewropew 2013. Ġie nnotat li s-Sajjieda għandhom jagħtu risposta fuq jekk humiex ser jorganizzaw attivitajiet. Il-Kunsillier M. Briguglio ippropona li għandu jinqaleb is-sellun mal-ħajt tan-naħa ta' Taormina. Il-Kunsillier N. Gauci qal li dan għandu jitressaq il-ġewwa n-naħa ta' San Giljan biex ma jkunx ta' dettriment għall-għawwiema. *Jum Marittimu*

6.10 Il-Kunsillier P. Portelli bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum Marittimu ser issir *underwater cleanup* fejn ser ikun hemm diversi *divers* l-Exiles u Qui Si Sana. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li importanti li ma jkun hemm ħadd ġdid u jrid jkollu ċertifikat. Il-Kunsillier P. Portelli ikkonferma dan. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li għandu jkun hemm ambulanza fuq il-post.

## 7. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

7.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva talba mill-Kumitat ta' San Girgor għal tħaffir ta' toqob biex jitqiegħed il-logħob tan-nar. Il-Kunsill talab għall-aktar informazzjoni u pjanta dettaljata fejn se jsiru. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li jrid jkollhom il-permessi neċessarji. *Talba għall-attivita minn San Girgor*

7.2 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet jekk il-Kunsill jaqbilx li jsir it-tieni kors għal tal-*beading*. Kien hemm qbil dwar dan.

7.3 Is-Sindku irrefera għal *tower crane* li kien hemm fi Triq San Pawl ta' Polidano Bros u qal li kif għamilna ma Stivala nagħmlu l-istess ma Polidano Bros, voldieri, nitolbu li jasfalta t-triq malli ilesti ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Is-Segretarju qal li dan irid isir fil-kuntest ta' set off agreement mal-kumpanija Polidano Bros. Ltd. *Tower Crane fi Triq San Pawl*

7.4 Il-Kunsill għandu jitlob kwotazzjoni biex jitranġa il-passaġġ fi Triq il-Kbira fejn *Hole in The Wall.*

7.5 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar *Circular Bus Service* f'Tas-Sliema. Is-Sindku qal li għandu jiltaqa mal-Ministru għat-Trasport Joe Mizzi. *Circular Bus Service*

7.6 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li qabel ma jittranġaw l-affarijiet mal-Arriva ma jista jsir xejn.

7.7 Is-Sindku qal li issa hemm Ministru ġdid u li se jilqa suġġerimenti u l-Kunsill għandu jressaq proposti tiegħu.

7.8 Il-Viċi Sindku saqsa l-proposta ta' *one way traffic system* fi Triq Amery u Borġ Olivier. Il-Kunsill għandu jsejjaħ kwotazzjoni biex issir *traffic study* biex dan umbgħad jiġi studjat min Transport Malta.

*One way system – Triq Amery*

7.9 Il-Viċi Sindku saqsa dwar l-erba gaġġeġ li jkellhom jinxtraw. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jrid ikollna min joffri l-bejt għax inutli dawn jinxtraw u jibqgħu fl-uffiċċju.

*Gaġeġ għal ħamiem*

7.10 Il-Viċi Sindku ippropona li Triq Manwel Dimech (minn Depiro l'isfel) issir *one way*. Ma kienx hemm qbil dwar dan.

7.11 Il-Kunsillier N. Gauci qal li hemm bżonn titwaħħal *traffic mirror* fi Triq Depiro għal min nieżel minn Triq Manwel Dimech. Kien hemm qbil dwar dan.

7.12 Il-Kunsilliera M. Aquilina issuġġeriet li l-uffiċċju tal-Kunsill għandu jkollu *coffee machine.* Kien hemm qbil dwar dan.

7.13 Il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm bżonn li ssir tindifa minn wires f'ċertu areas. Issuġġerixxa li tal-festi jkunu miġburin (hooked). Il-Kunsill irid jara wkoll dawk l-wires tal-Enemalta. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jikkoordina mal-Kunsillier J. Pillow.

*Tindif ta' wires*

7.14 Il-Kunsillier P. Portelli qal li s-sotto kumitati għandu jiffokaw fuq *long term policies.*

7.15 Il-Kunsillier P. Portelli fakkar li l-artikolu tal-magazine irid jintbagħt mhux iktar tard mil 15 ta' Mejju 2013.

*Magazine*

7.16 Il-Kunsillier M. Brigulio talab jekk jistax ikun hemm aktar preżenza ta' gwardjani lokali taħt it-Torri minħabba li l-ħmieġ tal-klieb beda jiżdied. Il-Kunsill għandu jitlob stima għal dan.

*Aktar presenza ta' gwardjani lokali minħabba ħmieġ tal-klieb*

7.17 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li se jipprova jinvolvi persuna b'diżabilita bħala xogħol fil-librerija tal-Kunsill.

7.18 Il-Kunsillier N. Gauci tkellem dwar *surveillance cameras.* Is-Sindku qal li għadu kif mar seminar flimkien mal-Kunsillier P. Radmilli. Il-Kunsillier P. Radmilli għandu jħejji rapport dettaljat x'ħareġ min dan is-seminar.

7.19 Il-Viċi Sindku irrefera għal playing fields għal persuni b'diżabilita. Is-Segretarju qal li irid isir proġett ħolistiku, u mhux kemm jiġu stallati bandli għal persuni b'diżabilta fl-infrastruttura preżenti.

7.20 Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li hemm bżonn li jkun hemm aktar infurzar dwar l-iskart. Qalet ukoll li hemm bżonn issir *review* dwar ir-*reserved parking* u l-Kunsill jara minn ħaqqu u le. Is-Sindku qal li għalkemm il-Kunsil ma joħroġx dawn il-permessi xorta waħda għandu lista u jsaqsi lit-TM biex ċertu każijiet jiġu riveduti. *Aktar infurzar*

7.21 Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li qiegħed ikun hemm aktar ħmieġ tal-klieb fl-inner areas ukoll. Is-Sindku qal li l-Kunsill isib ftit ta' problema għaliex ħadd ma jkun irid il-bin tal-klieb wara il-bieb tiegħu. It-tindif ta' dan il-ħmieġ għandu jibda isir mill-kenniesa la darba jingħata il-kuntratt il-ġdid.

7.22 Il-Kunsill ġie infurmat li t-tabelli tat-tieni żona tal-RPZ se jitwaħħlu fis 6 ta' Mejju.

7.23 Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li kif il-Kunsill kien biddel li sistema tal-RPZ biex ma jkunx inkluż l-Ħadd qiegħed jissuġġerrixi li s-Sibt tkun sas-1pm. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li jaqbel li s-sistema għanda tibda kif inhi u kif kien miftiehem imbgħad il-Kunsill jara xi problemi se jiltaqa magħhom u jimmodifika fejn hu possibbli. *RPZ*

7.24 Is-Sindku qal li jekk isiru modifikazzjonijiet issa, il-Kunsill mhux se jidher professjonali. Is-Sindku jaqbel ukoll li s-sistema tkompli kif inhi u naraw kif se taħdem.

7.24 Il-Kunsillier M. Brigulio jipproponi li tibda l-iskema kif inhi u jsir *review* wara sitt xhur.

7.25 Il-Kunsill qabel li għanda tinstab data għal-laqgħa annwali tal-lokalita. *Laqgħa annwali tal-lokalita*

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Is-seduta ntemmet fl-22.00. Seduta oħra għandha ssir nhar it-30 ta' Mejju 2013 fis-6 ta' filgħaxija. Kien hemm qbil ukoll li s-seduta tal-Kunsill tibqa ssir l-aħħar Ħamis ta' kull xahar.

Minuti approvati llum 30/05/2013

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**